# 319. Id-Dittaturi! *

B’idejhom ħamranin – demm demm demm,
ħaffru ħofra tonda – fonda fonda fonda,
fin-nofs ta’ pjazza wiesgħa – wiesgħa wiesgħa wiesgħa,
u waqqfu arblu twil – twil twil twil,
miegħu dendlu taljola – iddur iddur iddur,
u b’ħabel twil – żaqq żaqq żaqq,
tellgħu raġel qasir – qasir qasir qasir,
marbut minn saqajh – rasu ’l isfel, rasu ’l isfel, rasu ’l isfel,
u r-raġel qagħad imdendel – jixxengel jixxengel jixxengel
qisu pendlu tal-arloġġ – tik tak tik tak tik tak.

Ktibt din l-istorja – żgħira żgħira żgħira
biex nogħġob lil min jobgħod – jisħet jisħet jisħet
lid-dittaturo – abbasso abbasso abbasso,
u jħobb il-libertà – viva viva viva.

** fuq stl ta’ Charles Cross*